VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19, 123, 13 ta' Awwissu, 2013
Taqsima B

A.L. 248 tal-2013

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

Regolamenti tal-2013 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar l-Istaġun għall-Kaċċa fil-Ħarifa tal-2013 u fix-Xitwa tal-2014)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 61 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp u skont ir-regolament 10(6)(t) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' Għasafar Selvaġġi, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2013 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar l-Istaġun għall-Kaċċa fil-Ħarifa tal-2013 u fix-Xitwa tal-2014).

Tifsir.

2. Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għandu jkollhom l-istess tifsir bħal dak mogħti fir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi". L.S. 504.71

Jiġi stabbilit l-istaġun.

3. Għall-finijiet li jistabbilixxi l-istaġun għall-kaċċa tal-għasafar taħt ir-regolament 10(6)(t)(i) tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi, il-Ministru stabbilixxa:

(a) kaċċa minn fuq l-art għandha ssir bejn l-1 ta' Settembru 2013 u l-31 ta' Jannar 2014, bejn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx u sagħtejn wara nżul ix-xemx fil-ġranet mit-Tnejn sas-Sibt, u bejn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx u s-siegħa ta' wara nofsinhar (1.00p.m.) fil-Ħdud u l-Festi Pubbliċi:

Iżda, kaċċa minn fuq l-art bejn il-15 ta' Settembru 2013 u s-7 ta' Ottubru 2013, ma tistax issir mit-Tnejn sas-Sibt wara l-ħin tas-7.00 ta' wara nofsinhar (7.00pm);

(b) kaċċa minn fuq il-baħar għandha ssir bejn l-1 ta' Ottubru 2013 u l-31 ta' Jannar 2014.

(4) Il-ħinijiet li japplikaw għall-kaċċa tal-fenek selvaġġ bejn bejn il-15 ta' Settembru 2013 u is-7 ta' Ottubru 2013, għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-proviso tal-paragrafu (a) tar-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti.